MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 963/2008

***JF Security & Consultancy Services Limited*; *Alberta Projects Limited*; u Robert Cassar fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju ta' *Sterling Parks Limited*, it-tliet soċjetajiet f'isimhom proprju u bħala membri tal-konsorzju *JAS JV*; u *Bonnici Bros Contractors Ltd***

***Versus***

**Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi; id-Direttur tal-Kuntratti; u *Parksec Limited* għal kull interess li jista' jkollha**

1. Din is-sentenza hija dwar eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: Wara li l-Fondazzjoni għas-Servizz Mediċi ["il-Fondazzjoni"] għamlet sejħa għal offerti msejħa "*Service Concession for the Provision of External Security Services and Car park and Traffic Management Services at Mater Dei Hospital*", l-atturi għamlu l-offerta tagħhom iżda l-kuntratt ingħata lill-

konvenuta *Parksec Limited* [“*Parksec*”]. L-atturi jgħidu iżda illi l-pattijiet tal-kuntratt li ngħata lil *Parksec* “inbidlu radikalment” minn dawk li fuqhom issejħu l-offerti. Dan il-bdil, ikomplu jgħidu l-atturi, huwa bi ksur tal-liġi, u l-Fondazzjoni kellha tagħmel sejħa ġdida għal offerti.

3. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

i. tordna lill-konvenuti “jitterminaw” il-kuntratt jew kuntratti ma’ *Parksec*;

ii. tordna lid-Direttur tal-Kuntratti u lill-Fondazzjoni jagħmlu sejħa ġdida għal offerti;

iii. tordna lill-konvenuti jaraw illi fis-sejħa ġdida għal offerti *Parksec* ma tingħata ebda preferenza fuq l-atturi;

iv. tgħid illi l-għemil tad-Direttur tal-Kuntratti u tal-Fondazzjoni ikkawża danni lill-atturi;

v. tillikwida d-danni li ġarrbu l-atturi; u

vi. tikkundanna lid-Direttur tal-Kuntratti u lill-Fondazzjoni jħallsu d-danni hekk likwidati flimkien mal-ispejjeż.

4. Il-Fondazzjoni ressqet l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi l-atturi ma għandhomx interess ġuridiku fl-azzjoni għax “l-offerta ippreżentata minnhom lanqas kienet tilħaq ir-rekwiżiti minimi mitluba fis-sejħa għall-offerti” u għalhekk “la jistgħu jingħataw ir-rimedju tat-tħassir tal-kuntratt u wisq anqas li jitolbu danni … għaliex dan jippresumi illi r-rikorrenti kellhom offerta li kienet tintlaqa’ kieku t-*tender* ma ntrebaħx minn *Parksec Limited*”[1].

5. *Parksec* ukoll ressqet l-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ *locus standi* ta’ dawk fost l-atturi li huma parti mill-konsorzju *JAS JV* [“il-Konsorzju”] għax “huma kienu ġew skwalifikati mill-proċess tat-*tender* … peress li l-offerta li huma kienu issottomettew ma kinitx tilħaq ir-rekwiżiti minimi imposti mill-kondizzjonijiet tat-*tender*”[2].

6. Din is-sentenza tallum hija dwar dawn l-eċċezzjonijiet ta’ nuqqas ta; leġittimazzjoni attiva. Dwar dawn l-eċċezzjonijiet *Parksec* għamlet sottomissjonijiet bil-miktub fil-25 ta’ Marzu 2010, u l-Fondazzjoni fid-29 ta’ Marzu 2010; l-atturi wieġbu fil-31 ta’ Mejju 2010.

---

1 *Fol.* 67.

2 *Fol.* 79.

7. L-argument ta' *Parksec*, essenzjalment, huwa illi l-azzjoni tallum hija azzjoni *pauliana* u l-atturi ma għandhomx il-kwalità ta' kreditur biex jistgħu jmexxu b'dik l-azzjoni. Dan l-argument, iżda, ma huwiex tajjeb. L-azzjoni tallum ma hijiex l-azzjoni *pauliana* maħsuba biex kuntratt bejn id-debitur u terz (mhux jitħassar iżda) jitqies inopponibbli għall-kreditur għax magħmul b'*consilium fraudis*; l-azzjoni tallum hija għat-tħassir ta' kuntratt li, igħidu l-atturi, ma sarx kif iridu r-regolamenti dwar kuntratti pubbliċi.

8. Il-Fondazzjoni, min-naħa l-oħra, tgħid illi l-atturi ma għandhomx interess ġuridiku fl-azzjoni għax, f'kull każ, l-offerta tagħhom qatt ma kienet sejra tintlaqa': fil-każ tal-Konsorzju għax l-offerta ma kinitx tiswa għar-raġuni illi "*tender form not duly filled and signed; this implies that tenderer has failed to bind himself to respect the terms and conditions set out in the tender form*"; u, fil-każ tal-attriċi *Bonnici Bros Contractors Limited* ["*Bonnici Brothers*"], għax l-offerta ta' din kienet nieqsa "mill-aspett tekniku u dak finanzjarju". Għalhekk, tkompli tgħid il-Fondazzjoni, ladarba xorta l-kuntratt ma setax jingħata lill-atturi, ma jistgħu jieħdu ebda vantaġġ minn din il-kawża, u ma għandhom ebda interess li jiswa fiha.

9. Fil-każ tal-atturi li huma msieħba fil-Konsorzju l-qorti taqbel illi dawn l-atturi qatt ma setgħu jingħataw il-kuntratt ladarba l-offerta tagħhom *ab initio* ma ħarsitx il-ħtiġiet proċedurali u formali biex l-offerta titqies *administratively compliant*. Għalhekk, ukoll jekk jinstab illi l-għoti tal-kuntratt lil *Parksec* kien b'xi mod irregolari jew bi ksur tal-liġi, dak is-sejbien ma jkun ta' ebda vantaġġ għall-Konsorzju għax xorta l-kuntratt ma huwiex sejjer jingħata lilu.

10. Il-Konsorzju għalhekk ma għandux l-interess ġuridiku meħtieġ biex jista' jmexxi b'din l-azzjoni, u dan in-nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva jolqot l-azzjoni mhux biss safejn magħmula kontra dawk fost il-konvenuti li ressqu l-eċċezzjoni iżda wkoll kontra l-konvenuti kollha.

11. Is-sitwazzjoni hija x'aktarx differenti fil-każ ta' *Bonnici Brothers*, għax din għamlet offerta li tiswa li iżda ma ntlaqgħetx minħabba konsiderazzjonijiet tekniċi. Fil-fatt, fl-evalwazzjoni teknika tal-offerti, *Bonnici Brothers* ingħatat l-iżjed vot baxx – 11.5 minn massimu ta' 55, waqt

li l-oblatur ta' qbilha, *i.e.* ta' qabel tal-aħħar, ingħata 36.75 u *Parksec*, li ġiet l-ewwel f'dan il-qasam, ingħatat 48.25 – għal *technical merit*, u għalkemm fil-*financial evaluation* ingħatat vot massimu – 45 minn 45, waqt li *Parksec* ingħatat 35.74 u ġiet it-tieni – fil-gradwazzjoni finali ġiet it-tielet minn erbgħa b'vot ta' 56.5 waqt li *Parksec*, li ġiet l-ewwel, ingħatat vot ta' 83.99.

12. Din iżda kienet evalwazzjoni magħmula fuq il-kondizzjonijiet oriġinali tal-kuntratt li fuqu saret is-sejħa għal offerti u ma jfissirx illi *Bonnici Brothers* ma tistax turi illi, li kieku l-offerta tagħha kienet imsejsa fuq il-kondizzjonijiet li eventwalment ġew stipulati ma' *Parksec*, il-gradwazzjoni kienet tkun differenti. Jekk il-liġi tħallix illi l-kondizzjonijiet jinbidlu wara li tkun saret l-evalwazzjoni tal-offerti, u jekk it-tibdiliet fil-kondizzjonijiet kinux ta' entità u relevanza tali li jwasslu għal dik il-konklużjoni li trid *Bonnici Brothers* huma kwistjonijiet ta' meritu li l-qorti ma tistax tidħol fihom f'dan l-istadju preliminari, ukoll għax għadhom ma nġibux il-provi relativi, iżda huma kwistjonijiet illi huma relevanti għad-deċiżjoni finali fuq il-meritu, u li jagħtu lil *Bonnici Brothers* l-interess ġuridiku meħtieġ biex tista' tmexxi bl-azzjoni.

13. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva safejn tolqot l-azzjoni tal-atturi *JF Security & Consultancy Services Limited*, *Alberta Projects Limited*, u *Sterling Parks Limited*, kemm f'isimhom proprju u kemm bħala membri tal-konsorzju *JAS JV*, u għalhekk teħles lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju relativament għat-talbiet magħmula minn dawk l-atturi, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi; tiċħad l-istess eċċezzjoni safejn tolqot l-azzjoni magħmula minn *Bonnici Brothers*, bl-ispejjeż kontra l-Fondazzjoni (billi *Parksec* ma ressqitx eċċezzjoni kontra l-leġittimazzjoni attiva ta' *Bonnici Brothers*), u tordna li jitkompla s-smigħ tal-azzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------